

3. It-Tielet Direttiva dwar l-elettriku għandha tiġi interpretata fis-sens li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tistabbilixxi miżura speċjalisti li tikkonsisti f'imposta obbligatorja għall-entitajiet irregolati, inklużi d-detenturi ta' liċenzja għall-provvista tal-elettriku maħruġa mill-awtorità regolatorja, stabilita skont ir-riżultat tagħhom, inkluż dak miksub fuq il-bażi tal-aktivitajiet tagħhom barra 'l pajjiż, ma tissodisfax la r-rekwiżiti ta' trasparenza u lanqas dawk ta' nondiskriminazzjoni u ta' aċċess ugwali għall-konsumaturi previsti fl-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, sa fejn din timponi piżi fuq l-entità rregolata u d-dħul li jsir (fuq il-bażi tal-provvista tal-elettriku jew aktivitajiet oħra) barra 'l pajjiż, filwaqt li, fir-rigward tad-detentur ta' liċenzja għall-provvista tal-elettriku miksuba fuq il-bażi ta' liċenzja "passaport" maħruġa mill-Istat ta' oriġini tiegħu, din tolqot biss id-dħul li jsir fir-Repubblika Slovakka?

<sup>(1)</sup> ĠU 2009, L 211, p. 55.

### Rikors ippreżentat fit-8 ta' Ġunju 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju

(Kawża C-384/18)

(2018/C 285/48)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Tserepa-Lacombe, L. Malferrari, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġogħobha:

- tikkonstata li r-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2006/123/KE<sup>(1)</sup> u taħt l-Artikolu 49 TFUE;
- tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Billi (i) ipprojbixxa l-eżerċizzju konġunt ta' aktivitajiet ta' kontabilista, minn naħa, u ta' aktivitajiet ta' broker, ta' aġġent tal-assigurazzjoni, ta' aġġent tal-proprietà immobblji jew ta' kwalunkwe aktività bankarja jew ta' servizzi finanzjarji, min-naħa l-oħra, u billi (ii) ippermetta lill-Awli tal-Institut professionnel des comptables et Fiscalistes agréés (l-Istitut Professionali tal-Kontabilisti u tal-Esperti tat-Taxxa awtorizzati) (IPCF) jipprojbixxu l-eżerċizzju konġunt ta' aktivitajiet ta' kontabilista, minn naħa, ma' kwalunkwe aktività agrikola artiġjanali u kummerċjali, min-naħa l-oħra, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2006/123/KE u tal-Artikolu 49 TFUE.

<sup>(1)</sup> Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, p. 36).

### Rikors ippreżentat fid-29 ta' Ġunju 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana

(Kawża C-434/18)

(2018/C 285/49)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Patakia, G. Gattinara, aġġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Taljana